TRIBUNAL GHAL TALBIET TAL-KONSUMATUR

MALTA

CONSUMER CLAIMS TRIBUNAL

Avviz Numru CCT 73/12/GB

<u>Charles u Louise Portelli</u>

<u>vs</u>

<u>A. Von Brockdorff Services Ltd.</u>

Illum 17 ta' Lulju 2013

**It-Tribunal**

Wara li ha konjizzjoni tal-Avviz fl-ismijiet fuq premessi pprezentati fis-6 ta' Marzu, 2012 fejn ir-rikorrenti talbu rifuzjoni ta' tliet elef Ewro (€3,000.00), rapprezentanti parti mill-prezz li huma hallsu lis-socjeta' ntimata ghal biljetti ta' l-ivjaggar mal-linja ta' l-ajru "British Airways", li fuq titjira minnhom id-dawl tal-qari ma setghax jintefa'.

Is-socjeta' ntimata pprezentat risposta bil-miktub ghal din it-talba, u attendiet ghas-seduta.

Illi wara li sema' x-xhieda guramentata tar-rikorrenti li huma l-istess rikorrenti, u wara li sema' x-xhieda guramentata tas-socjeta' ntimata, u wara li ha konjizzjoni tal-fatti kif ukoll tac-cirkostanzi kollha tal-kaz;

**Ikkonsidra s-segwenti:**

**Ir-rikorrenti ssottomettew bil-miktub illi:-**

Huma kienu xtraw zewg biljetti 'club class' minn Malta ghal South Africa u lura.

Fit-titjira lura lejn Malta, id-dawl ta' fuqhom dirett fuq is-seats (60K u 60J) kienu mixghula matul it-titjira BA058, li telqet minn Cape Town fis-7 ta' April 2011 fit-tmienja u ghaxra ta' filghaxija u waslet Londra fis-sebgha nieqes ghaxra ta' filghodu.

Ir-rikorrenti ezebew dokumetazzjoni rekattiv.

47A, SOUTH STREET, VALLETTA VLT 1101 - MALTA
TELEPHONE: (+356) 21227070 FAX: (+356) 21239888

Is-socjeta' ntimata ssottomettiet bil-miktub illi:-

1. Il-pretensjoni tar-rikorrenti hija nfondata fil-fatt u fid-dritt u ghandha tigi michuda bl-ispejjez kontra taghha;

2. Illi s-socjeta' ntimata certament m'hijiex il-legittimu kuntradittur f'dina l-kawza u se mai ghandha titharrek l-airline in kwistjoni li ghandha tirrispondi direttament hija stess ghal dina l-pretensjoni stante illi s-socjeta' ntimata certament ma tistax tirrispondi ghal pretensjoni bhal din li m'hijiex fil-konfront taghha u li hija r-responsabilita' tal-airline in kwistjoni;

3. Illi madanakollu s-socjeta' ntimata m'ghandha thallas l-ebda danni lir-rikorrenti;

4. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, tenendo kont li hawn si tratta ta' danni morali, ghandhom japplikaw il-limiti mposti mill-ligi fl-Artikolu 21(2) tal-Kap. 378;

5. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-ammont mitlub mir-rikorrenti huwa wiehed mhux gustifikat u ezorbitanti ghall-ahhar;

6. Bl-ispejjez kontra r-rikorrenti.

**It-Tribunal jinnota illi:-**

Wara li sema' l-partijiet, it-Tribunal jikkonsidra illi fix-xhieda guramentata tar-rikorrenti, huma regghu kkonfermaw il-verzjoni taghhom bil-miktub, fejn ziedu jistqarru li l-ammont mitlub minnhom ta' tliet elef Ewro (€3,000.00) ma jirraprezentax danni morali, pero' qed jintalab dak l-ammont stante li ma hadux dak li hallsu ghalih, u cioe' ma hadux servizz ta' 'business class'.

It-Tribunal jikkonsidra wkoll illi fix-xhieda guramentata tas-socjeta' ntimata, hija regghat ikkonfermat il-verzjoni taghha bil-miktub, fejn ziedet tistqarr illi "British Airways" kienet ammettiet it-tort u offriet l-ammont ta' hamsa u erbghin Liri Sterlini (£45.00) lir-rikorrenti bhala kumpens, liema ammont ir-rikorrenti kienu kkunsidraw bhala insult u ma accettawx. Xehdet ukoll illi r-rikorrenti qed jitolbu rifuzjoni ta' erbgha (4) 'legs' meta l-problema kienet fl-ahhar 'leg' biss.

It-Tribunal jinnota illi nonostante l-fatt illi bi qbil bejn il-partijiet, ir-rikorrenti obbligaw ruhhom li jikkjamaw fil-kawza lis-socjeta' "British Airways", ir-rikorrenti baqghu ma hadux il-passi procedurali u necessarji sabiex jsir tali kjamar fil-kawza.

Ghal dawn il-motivi:

It-Tribunal, wara li kkonsidra dak kollu hawn fuq premess, jghid illi jezisti fil-ligi Maltija l-principju li agent lokali jista' jigi mharrek in rapprezentanza tal-principal esteru tieghu u jinstab responsabbli ghall-eventwali nuqqasijiet tal-principal esteru. It-Tribunal jinnota pero', li s-socjeta' ntimata ma gietx imharrka fil-kwalità taghha bhala agenta lokali ta' "British Airways", izda giet imharrka fil-kapacita' taghha *proprio* u dan kif jirrizulta mill-avviz tat-talba stess. Illi, anke jekk stess kellu jissussisti rapport ta' agenzija bejn il-linja tal-ajru u s-socjeta' ntimata, is-socjeta' ntimata ma gietx imharrka fil-kapacita' taghha ta' agenta tad-ditta estera, u ghalhekk ikun inutili ghal dan it-Tribunal li jidhol fid-dibattitu akkademiku dwar in-natura tar-relazzjoni guridika bejn l-agent tal-ivvjaggar u l-linja tal-ajru. Ladarba s-socjeta' ntimata giet imharrka fil-kapacità taghha *proprio* hija ghandha tirrispondi biss ghall-eventwali nuqqasijiet taghha stess u mhux ukoll ghal dawk ta' terzi li lanqas huma partijiet fil-kawża. Illi ghalhekk, ladarba l-lamentela tar-rikorrenti tirrigwarda allegat nuqqas li jista' *se mai* jigi addebitat lil terzi, f'dan il-kaz il-linja tal-ajru li ma gietx kjamata in kawza mir-rikorrenti minkejja li dawn inghataw l-opportunita' li jaghmlu hekk, it-Tribunal qieghed jilqa' l-eccezzjoni tas-socjeta' ntimata illi hija m'hijiex il-legittima kontradittrici tar-rikorrenti. Ghaldaqstant, it-Tribunal qieghed jichad it-talba tar-rikorrenti, bl-ispejjez tal-kawza kontra l-istess rikorrenti.

**Avv. Gabrielle Buttigieg**
**Arbitru**